VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,163, 8 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 369 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts – taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod'ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts –;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Fine Arts (Honours) – BFA (Hons) - in Digital Arts –; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

(a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u jkunu għaddew fil-Livell Avvanzat fl-Arti; jew

(b) ikollhom id-Diploma in Design Foundation Studies mill-Università ta' Malta; jew

(ċ) ikollhom l-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) f'suġġett relatat, flimkien ma' ċertifikati fil-livell tas-SEC bi Grad 5 jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, il-Matematika u l-Malti.

(2) L-applikanti li japplikaw skont is-sotto-paragrafu (a)(iii) tal-paragrafu 2 tar-Regolamenti għad-Dħul li ma jkollhomx il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandhom jippreżentaw kwalifiki professjonali oħra u/jew esperjenza li jissodisfaw lill-Bord li huma jkunu laħqu il-livell akkademiku biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) L-applikanti kollha jkunu meħtieġa jattendu għal intervista u jippreżentaw portfolio ta' xogħol riċenti tagħhom lill-bord tal-intervisti.

(4) Il-bord tal-intervisti, li għandu jkun magħmul minn għall-anqas tliet membri, għandu jiddetermina l-eliġibbilità tal-applikanti biex jidħlu fil-Kors. Il-kriterji biex jiddeterminaw l-eliġibbilità tal-applikanti għandhom ikunu ppubblikati fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għat-tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Grad, sakemm li l-programm ta' studju jkun imfassal skont id-dispożizzjoniet tar-Regolamenti Prinċipali.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jirreġistraw u jgħaddu mit-taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 krettu ECTS.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

6. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-tlett snin tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	30%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	30%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	40%.